Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 690/2008**

ta' l-4 ta' Lulju 2008

li jirrikonoxxi żoni protetti esposti għal riskji partikolari għas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità

(Riformulazzjoni)

(ĠU L 193, 22.7.2008, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/2009 tad-9 ta' Settembru 2009	L 239	46	10.9.2009
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 17/2010 tat-8 ta' Jannar 2010	L 7	1	12.1.2010
►**M3**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 361/2010 tas-27 ta' April 2010	L 106	5	28.4.2010
►**M4**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 436/2011 tal-5 ta' Mejju 2011	L 118	2	6.5.2011
►**M5**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 355/2012 tal-24 ta' April 2012	L 113	2	25.4.2012
►**M6**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 707/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014	L 186	56	26.6.2014

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 690/2008

ta' l-4 ta' Lulju 2008

li jirrikonoxxi żoni protetti esposti għal riskji partikolari għas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità

(Riformulazzjoni)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1)(h) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talbiet magħmula mill-Irlanda, Spanja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, Malta, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/32/KE tat-8 ta' Mejju 2001 li tirrikonoxxi żoni protetti esposti għal riskji partikolari għas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva 92/76/KEE [2] ġiet emendata sostanzjalment bosta drabi. Ġaladarba jridu jsiru iktar emendi, għandha tiġi abbozzata mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Taħt -Direttiva 2000/29/KE, "żoni protetti" esposti għal riskji partikolari tas-saħħa tal-pjanti jistgħu jkunu mfissra u għalhekk jistgħu jkunu mogħtija ħarsien speċjali taħt kondizzjonijiet kompatibbli mas-suq intern. Żoni bħal dawn kienu mfissra fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/32/KE.

(3) Ċerti Stati Membri jew ċerti żoni fi Stati Membri huma rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward ta' ċerti organiżmi ta' ħsara. F'xi każijiet, ir-rikonoxximent ingħata proviżorjament peress li t-tagħrif sħiħ meħtieġ li juri li l-organiżmu ta' ħsara kkonċernat ma kienx preżenti fl-Istat Membru jew fiż-żona kkonċernata ma kienx ġie ipprovdut jew l-isforzi biex jinqered organiżmu bħal dan ma kinux intemmew. Fejn l-Istati Membri kkonċernati pprovdew it-tagħrif meħtieġ, iż-żoni kkonċernati għandhom jiġu rikonoxxuti bħala żoni protetti permanenti. Ir-rikonoxximent proviżorju għandu jiġi estiż b'eċċezzjoni għal perjodu limitat ieħor ta' żmien biex jagħti lill-Istati Membri kkonċernati ż-żmien addizzjonali meħtieġ biex iressqu tagħrif li juri li dak l-organiżmu mhuwiex preżenti, jew, fejn meħtieġ, biex jissoktaw bl-isforzi tagħhom biex jeqirduh. F'każijiet oħra żoni protetti m'għandhomx ikunu aktar rikonoxxuti bħala tali billi organiżmi perikoluži huma bħalissa preżenti.

(4) Ċipru ġie rikonoxxut proviżorjament bħala żona protetta fir-rigward tad-*Daktulosphaira vitifoliae* (Fitch), *Ips sexdentatus* Börner u l-*Leptinotarsa decemlineata* Say sal-31 ta' Marzu 2008. Minn tagħrif imressaq minn Ċipru minn mindu ngħata r-rikonoxximent proviżorju, jidher li dawn l-organiżmi mhumiex preżenti f'Ċipru. Għalhekk Ċipru għandu jkun rikonoxxut bħala żona permanenti ta' protezzjoni fir-rigward ta' dawn l-organiżmi.

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1 Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/64/KE (ĠU L 168, 28.6.2008, p. 31).

[2] ĠU L 127, 9.5.2001, p. 38. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/40/KE (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 49.)

▼B

(5) Ċerti reġjuni fi Spanja kienu rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tat-*Thaumetopoea pityocampa* (Den. u Schiff.). Minn tagħrif mogħti minn Spanja, jidher li l-organiżmu issa stabbilixxa ruħu f'dawn ir-reġjuni. Għalhekk m'għandhomx jibqgħu jiġu rikonoxxuti bħala żona protetta fir-rigward ta' dan l-organiżmu.

(6) Ċerti reġjuni fl-Italja, l-Awstrija, is-Slovenja u s-Slovakkja, u t-territorju kollu ta' l-Irlanda u l-Litwanja kienu rikonoxxuti proviżorjament bħala żoni protetti fir-rigward ta' l-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.* sal-31 ta' Marzu 2008.

(7) Minn tagħrif ipprovdut mil-Irlanda, il-Litwanja u s-Slovakkja, jidher li r-rikonoxximent proviżorju taż-żoni protetti għal dawk il-pajjiżi fir-rigward ta' l-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.* għandu jiġi estiż b'eċċezzjoni għal perjodu ta' sentejn biex jagħti lil dawk l-Istati Membri kkonċernati ż-żmien meħtieġ biex iressqu tagħrif li juri li dak l-organiżmu mhuwiex preżenti, jew, fejn meħtieġ, biex jissoktaw bl-isforzi tagħhom biex jeqirduh.

(8) Minn tagħrif ipprovdut mill-Italja u mis-Slovenja, jidher li l-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.* bħalissa tinstab f'xi wħud mir-reġjuni, li kienu qabel rikonoxxuti proviżorjament bħala żoni protetti għal dan l-organiżmu sal-31 ta' Marzu 2008. Dawn ir-reġjuni għalhekk m'għandhomx jibqgħu jiġu rikonoxxuti bħala żona protetta fir-rigward ta' dan l-organiżmu.

(9) Minn tagħrif imressaq mill-Awstrija, jidher li minħabba kundizzjonijiet mhux favorevoli fl-2007 kien hemm bosta tifqigħat ta' l-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.* f'xi partijiet mit-territorju tagħha, li qabel kienu rikonoxxuti bħala żoni protetti għal dan l-organiżmu ta' ħsara. Għal dan l-għan, ir-rikonoxximent proviżorju taż-żoni protetti għal ċerti reġjuni fir-rigward ta' l-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.* għandu jiġi estiż għal sena biex jagħti lill-Awstrija ż-żmien meħtieġ biex tivverifika li l-isforzi għall-qerda li saru mill-Awstrija fl-2007 huma effiċjenti u biex tressaq tagħrif li juri li l-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.* mhix preżenti jew, fejn meħtieġ, biex ittemm l-isforzi tagħha biex jinqered dan l-organiżmu fl-2008.

(10) Malta kienet rikonoxxuta proviżorjament bħala żona protetta fir-rigward tal-vajrus tas-Citrus tristeza (European strains) sal-31 ta' Marzu 2008. Minn tagħrif imressaq minn Malta, jidher li l-isforzi li saru biex jinqered dan l-organiżmu kienu ta' suċċess. Għalhekk Malta għandha tkun rikonoxxuta bħala żona permanenti ta' protezzjoni fir-rigward ta' dan l-organiżmu.

(11) It-territorju tal-Portugall kien rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tal-vajrus tas-Citrus tristeza (European strains). Minn tagħrif mogħti mill-Portugall, jidher li l-organiżmu issa stabbilixxa ruħu f'xi parti mit-territorju tal-pajjiż. Għalhekk din il-parti fit-territorju Portugiż m'għandhiex tibqa' tiġi rikonoxxuta bħala żona protetta fir-rigward ta' dan l-organiżmu.

(12) Huwa għalhekk meħtieġ li tkun modifikata l-għażla eżisenti taż-żoni protetti.

(13) Fl-imgħoddi żoni protetti kienu rikonoxxuti u emendati b'Direttiva. Biex tinkiseb applikazzjoni f'waqtha u simultanja mill-Istati Membri, iż-żoni protetti għandhom ikunu rikonoxxuti permezz ta' Regolament.

▼B

(14) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti.

(15) Dan ir-Regolament għandu jkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti B,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Iż-żoni fil-Komunità elenkati fl-Anness I huma rikonoxxuti bħala żoni protetti kif imfisser fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1)(h) tad-Direttiva 2000/29/KE, fir-rigward ta' l-organiżmu/i ta' ħsara elenkati ħdejn isimhom fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-Direttiva 2001/32/KE, kif emendata mill-atti mniżżla fl-Anness II, Parti A, hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttivi revokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Żoni fil-komunità rikonoxxuti bħala "żoni protetti", fir-rigward ta' orġaniżmu/i ta' ħsara mniżżla ħdejn isimhom

Organiżmi ta' ħsara	Żoni protetti: it-territorju ta'
(a) Insetti, dud u nematodi, fl-istadji kollha ta' l-iżvilupp tagħhom	
1. *Anthonomus grandis* (Boh.)	Il-Ġreċja, Spanja (Andalusia, Catalonia, Extremadura, Murcia, Valencia)
▼M6 2. *Bemisia tabaci* Genn. (Popolazzjonijiet Ewropej)	L-Irlanda, il-Portugall (l-Azores, Beira Interior, Beira Litoral, Entre Douro e Minho, Ribatejo e Oeste (id-distretti lokali ta' Alcobaça, Alenquer, Bombarral, Cadaval, Caldas da Rainha, Lourinhã, Nazaré, Obidos, Peniche u Torres Vedras) u Trás-os-Montes), il-Finlandja, l-Isvezja, ir-Renju Unit
▼B 3. *Cephalcia lariciphila* (Klug.)	l-Irlanda, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq, l-Isle of Man u Jersey)
3.1. *Daktulosphaira vitifoliae* (Fitch)	Ċipru
▼M6 4. *Dendroctonus micans* Kugelan	L-Irlanda, il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq, il-Ġżira ta' Man u Jersey)
4.1. *Dryocosmus kuriphilus* Yasumatsu	L-Irlanda (sat-30 ta' April 2016), il-Portugall (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit (sat-30 ta' April 2016)
5. *Gilpinia hercyniae* (Hartig)	L-Irlanda, il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq, il-Ġżira ta' Man u Jersey)
▼B 6. *Globodera pallida* (Stone) Behrens	il-Latvja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja
▼M6 7. *Gonipterus scutellatus* Gyll	Il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), il-Portugall (l-Azores)
8. *Ips amitinus* Eichhof	L-Irlanda, il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit
9. *Ips cembrae* Heer	L-Irlanda, il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq u l-Ġżira ta' Man)
10. *Ips duplicatus* Sahlberg	L-Irlanda, il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit
▼B 11. *Ips sexdentatus* Börner	l-Irlanda, Ċipru, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq u l-Isle of Man)
12. *Ips typographus* Heer	l-Irlanda, ir-Renju Unit

▼B

Organiżmi ta' ħsara	Żoni protetti: it-territorju ta’
13. *Leptinotarsa decemlineata* Say	l-Irlanda, Spanja (Ibiża u Menorca), Ċipru, Malta, il-Portugall (l-Azores u Madejra), il-Finlandja (id-distretti ta’ Åland, Håme, Kymi, Pirkanmaa, Satakunta, Turku, Uusimaa), l-Iżvezja (il-kontej ta’ Blekinge, Gotland, Halland, Kalmar u Skåne), ir-Renju Unit
14. *Liriomyza bryoniae* (Kaltenbach)	l-Irlanda, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta’ Fuq)
15. *Sternochetus mangiferae* Fabricius	Spanja (Granada u Malaga), il-Portugall (Alentejo, l-Algarve u Madejra)

▼M6

16. *Thaumetopoea processionea* L.	L-Irlanda (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit (bl-eċċezzjoni taż-żoni tal-awtoritajiet lokali ta' Brent, Bromley, Camden, City of London, City of Westminster, Croydon, Ealing, Elmbridge District, Epsom and Ewell District, Hackney, Hammersmith & Fulham, Haringey, Harrow, Hillingdon, Hounslow, Islington, Kensington & Chelsea, Kingston upon Thames, Lambeth, Lewisham, Merton, Reading, Richmond Upon Thames, Runnymede District, Slough, South Oxfordshire, Southwark, Spelthorne District, Sutton, Tower Hamlets, Wandsworth u West Berkshire) (sat-30 ta' April 2016)

▼B

(b) Batterji	
1. *Curtobacterium flaccumfaciens* pv. *flaccumfaciens* (Hedges) Col.	il-Greċja, Spanja, il-Portugall

▼M6

2. *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*	— L-Estonja, Spanja (ħlief il-komunitajiet awtonomi ta' Aragón, Castilla la Mancha, Castilla y León, Extremadura, Murcia, Navarra u La Rioja, il-provinċja ta' Guipuzcoa (il-Pajjiż Bask), Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana)), Franza (Korsika), l-Italja (Abruzzo, Basilicata, Calabria, Campania, Lazio, Liguria, Marche, Molise, Piemonte, Sardenja, Sqallija, Toscana, Umbria, Valle d'Aosta), il-Latvja, il-Portugall, il-Finlandja, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq, il-gżira ta' Man u ċ-Channel Islands), — u, sat-30 ta' April 2016, l-Irlanda (ħlief il-belt ta' Galway), l-Italja (Apúlia, Emilia-Romagna (il-provinċji ta' Parma u Piacenza), il-Lombardija (ħlief il-provinċji ta' Mantua u Sondrio), il-Veneto (ħlief il-provinċji ta' Rovigo u Venezja, id-distretti lokali ta' Barbona, Boara Pisani, Castelbaldo, Masi,

▼M6

Organiżmi ta' ħsara	Żoni protetti: it-territorju ta’
	Piacenza d'Adige, S. Urbano u Vescovana fil-provinċja ta' Padova u ż-żona li tinsab fin-Nofsinhar tal-awtostrada A4 fil-provinċja ta' Verona)), il-Litwanja (ħlief il-muniċipalitajiet ta' Babtai u Kėdainiai (ir-reġjun ta' Kaunas)), is-Slovenja (ħlief ir-reġjuni ta' Gorenjska, Koroška, Maribor u Notranjska, u d-distretti lokali ta' Lendava u Renče-Vogrsko (lejn in-Nofsinhar mill-awtostrada H4)), is-Slovakkja (ħlief id-distretti lokali ta' Čenkovce, Topoľníky u Trhová Hradská (il-Kontea ta' Dunajská Streda), Hronovce and Hronské Kľačany (il-Kontea ta' Levice), Dvory nad Žitavou (il-kontea ta' Nové Zámky), Málinec (il-Kontea ta' Poltár), Hrhov (il-Kontea ta' Rožňava), Veľké Ripňany (il-Kontea ta' Topoľčany), Kazimír, Luhyňa, Malý Horeš, Svätuše u Zatín (il-Kontea ta' Trebišov))

▼B

(c) Faqqiegħ	

▼M6

01. *Ceratocystis platani* (J.M. Walter) Engelbr. & T.C. Harr.	Ir-Renju Unit (sat-30 ta' April 2016)
02. *Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr	Ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Isvezja, ir-Renju Unit (għall-Gżira ta' Man, sat-30 ta' April 2016)

▼B

1. *Glomerella gossypii* Edgerton	il-Greċja
2. *Gremmeniella abietina* Morelet	l-Irlanda, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)
3. *Hypoxylon mammatum* (Wahl.) J Miller	l-Irlanda, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)
(d) Vajrusijiet u organiżmi li jixbhu l-vajrus	
1. Beet necrotic yellow vein virus	l-Irlanda, Franza (Bretagne), il-Portugall (l-Azores), il-Finlandja, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)
2. Il-vajrus tal-marda li ddebbel it-tadam	il-Finlandja u l-Iżvezja

▼M6

3. Citrus tristeza virus (ġeneri Ewropej)	Il-Greċja (ħlief l-Unitajiet Reġjonali ta' Argolida u Chania), Malta, il-Portugall (ħlief Algarve u Madeira)

▼**M6**

	Organiżmi ta' ħsara	Żoni protetti: it-territorju ta’
4.	Grapevine flavescence dorée MLO	Ir-Repubblika Ċeka, Franza (Alsace, Champagne-Ardenne, Picardie (département de l'Aisne), Ile de France (communes de Citry, Nanteuil-sur-Marne et Saâcy-sur-Marne) u Lorraine), l-Italja (Apúlia (sat-30 ta' April 2016), Sardenja (sat-30 ta' April 2016), u Basilicata)

▼B

ANNESS II

TAQSIMA A

Direttiva mħassra flimkien ma' lista ta' l-emendi suċċessivi tagħha

(kif imsemmi fl-Artikolu 2)

Direttiva tal-Kummissjoni 2001/32/KE (ĠU L 127, 9.5.2001, p. 38)	
Direttiva tal-Kummissjoni 2002/29/KE (ĠU L 77, 20.3.2002, p. 26)	
Direttiva tal-Kummissjoni 2003/21/KE (ĠU L 78, 25.3.2003, p. 8)	
Direttiva tal-Kummissjoni 2003/46/KE (ĠU L 138, 5.6.2003, p. 45)	
l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 (ĠU L 236, 23.9.2003)	L-Artikolu 20 u l-Anness II, p. 443
Direttiva tal-Kummissjoni 2004/32/KE (ĠU L 85, 23.3.2004, p. 24)	
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/522/KE (ĠU L 228, 29.6.2004, p. 18)	
Direttiva tal-Kummissjoni 2005/18/KE (ĠU L 57, 3.3.2005, p. 25)	
Direttiva tal-Kummissjoni 2006/36/KE (ĠU L 88, 25.3.2006, p. 13)	
Direttiva tal-Kummissjoni 2007/40/KE (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 49)	

TAQSIMA B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni

(kif imsemmi fl-Artikolu 2)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Data ta' l-applikazzjoni
2001/32/KE	il-21 ta' Mejju 2001	it-22 ta' Mejju 2001
2002/29/KE	il-31 ta' Marzu 2002	l-1 ta' April 2002
2003/21/KE	il-31 ta' Marzu 2003	l-1 ta' April 2003
2003/46/KE	il-15 ta' Ġunju 2003	is-16 ta' Ġunju 2003
2004/32/KE	l-20 ta' April 2004	il-21 ta' April 2004
2005/18/KE	l-14 ta' Mejju 2005	il-15 ta' Mejju 2005
2006/36/KE	it-30 ta' April 2006	l-1 ta' Mejju 2006
2007/40/KE	il-31 ta' Ottubru 2007	l-1 ta' Novembru 2007

▼B

ANNESS III

Tabella ta' korrelazzjoni

Direttiva 2001/32/KE	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 3	—
—	Artikolu 2
Artikolu 4	—
Artikolu 5, l-ewwel paragrafu	Artikolu 3, l-ewwel paragrafu
Artikolu 5, it-tieni paragrafu	—
—	Artikolu 3, it-tieni paragrafu
Artikolu 6	—
Anness, il-punt (a), 1, 2 u 3	Anness I, il-punt (a), 1, 2 u 3
Anness, il-punt (a), 3.1	Anness I, il-punt (a), 3.1
Anness, il-punt (a), minn 4 sa 15	Anness I, il-punt (a), minn 4 sa 15
Anness, il-punt (a), 16	—
Anness, il-punt (b), 1	Anness I, il-punt (b), 1
Anness, il-punt (b), 2, l-ewwel inċiż	Anness I, il-punt (b), 2, l-ewwel inċiż
—	Anness I, il-punt (b), 2, it-tieni inċiż
Anness, il-punt (b), 2, it-tieni inċiż	—
—	Anness I, il-punt (b), 2, it-tielet inċiż
Anness, il-punt (c), 01	Anness I, il-punt (c), 01
Anness, il-punt (c), minn 1 sa 3	Anness I, il-punt (c), minn 1 sa 3
Anness I, il-punt (d) minn 1 sa 4	Anness I, il-punt (d) minn 1 sa 4
—	Anness II
—	Anness III